# L-ELEZZJONI F’OTTUBRU.???.......

Jew le? Jekk mhux f’Ottubru, meta??
Tiltaqa’ ma bosta nies u jsaqsuk: “Veru li l-Elezzjoni għal Ottubru?” Sintendi jkunu qed jirreferu għal Ottubru ta’ dis-sena għax f’Ottubru 2008, ikun skada t-terminu ta’ dal-gvern. Kulħadd jaf li Gvern Nazzjonalista qatt ma abbuża mid-demokrazija u dejjem sejjaħ elezzjoni xhur qabel jagħlaqlu ż-żmien. Pero din ta’ l-elezzjoni “dalwaqt” ilna nisimgħuha kważi ħames snin sħaħ. Tal-Labour għandhom ħabta jispekulaw li l-elezzjoni hija fi ftit xhur oħra. L-avukat Anġlu Farrugia tal-Mosta iħabbar elezzjoni kull 6 xhur. Il-gazzetti tal-Labour “It-Torċa” u l-“Kulħadd” jirrepetu dil-profezija fuq bażi regulari. Kieku l-profeziji tagħhom seħħu kieku kellna almenu sitta jew 7 elezzjonijiet fi żmien Gonzi biss.

Imbagħad jiġi Lino Spiteri u f’artiklu tat-Times (24-07-07) jippronostika r-raġunijiet li fuqhom il-Prim Ministru Gonzi se jibbaża d-data ta’ l-elezzjoni. Jien ma nafx fuq liema bażi l-profeta Spiteri jista’ jagħmel dawn il-profeziji meta hu, fl-1996, bħala wieħed mill-protagonisti tal-MLP lanqas biss kien xamm li Sant kien se jneħħi l-VAT jekk jitilgħu fil-gvern fl-elezzjoni ta’ dik is-sen. Għaxart ijiem wara, ukoll fuq it-Times, ittanta xortih ukoll il-mago laburista ġdid fjamant Norman Hamilton u tgħidx kemm semma dati f’Ottubru u Novembru 2007 u kemm il-Sibt ieħor f’Jannar, Frar u Marzu tas-sena d-dieħla! Allaħares ma jaqtax waħda minnhom għax ikun tassew ċuċ!

Imma ħalli nerġgħu niġu għas-suġġett tagħna. Veru li l-elezzjoni dalwaqt? Ngħiduha kif inhi, l-elezzjoni, ISSA, ma tantx fadlilha wisq. U kif qed tindunaw ir-rota bdiet iddur sew. Is-sinjali kollha hemm qegħdin. Kulħadd qed jarma sew u l-magna tal-propaganda taż-żewġ partiti l-kbar u anki tal-partiti ż-żgħar bdiet tingrana sew. Għall-partit laburista il-kampanja elettorali kienet waħda kontinwa tul dawn l-aħħar 4 snin. Ma tilfux ċans wieħed biex jippruvaw joskuraw lill-gvern. Kull żiffa riħ għamluha riefnu u kull qatra xita kabbruha għal maltempata. Jekk xi ministru jieħu passi kontra xi nies korrotti f’xi dipartiment li jaqa taħtu jittimbrawh li hu korrott. Jekk tagħlaq xi fabbrika ikun tort tal-gvern. Imma jekk f’anqas minn sena il-mijiet li jkunu ħadu s-sensja minn dik il-fabbrika jsibu xogħol produttiv u anki aħjar milli kellhom qabel dak ma jieħu l-ebda mertu l-gvern. Jekk Kunsill Lokali b’maġġuranza laburista jagħmel xi proġett żgħir bi flus il-gvern ċentrali dak jonfħuh qisu xi SmartCity, iżda l-iSmart City, l-Isptar Mater Dei, il-kilometri sħaħ ta’ toroq ġodda, is-suċċess ta’ l-Ewro u ruxxmata suċċessi oħra tal-Gvern Nazzjonalista dak ma jsemmuh qatt. Jekk mhux biex isibu xi xagħra fil-għaġina.

L-Oppożizzjoni Laburista fuq medda ta’ kważi ħames snin ma għamlet xejn konkret ħliet titlef iż-żmien prezzjus tagħha f’tagħjir bla sens u ħafna drabi libelluż. Minkejja li d-duħħan tat-titjip inqata mill-postijiet pubbliċi kollha, (u dan grazzi għall-miżura mhux faċli li kien ħa Gvern Nazzjonalista) id-duħħan tas-suppost pjanijiet tal-Partit Laburista għadu jinxtamm minn kull stqarrija li joħorġu, minn kull artiklu li jiktbu u minn kull konferenza stampa li jħobbu jagħmlu f’postijiet fejn għandu wisq biex jiddandan Gvern Nazzjonalista. Għax hekk huma l-pjanijiet li huma jsejħulhom “xjentifiċi” li qed joħorġu ta’ spiss u li suppost se jirranġaw lil Malta jekk ikunu fil-gvern. Jekk xi darba jkollkom il-paċenzja li tosservaw tajjeb issibu li l-“pjanijiet xjentifiċi” laburisti huma ta’ 3 xorta: hemm dawk li ma fihom l-ebda sugu bla dettalji ta’ xejn u miżgħuda kliem fieragħ u xewqat tal-fantasija; hemm dawk li ma jafux kif se jitwettqu jew kif se jiġu finanzjati u mbagħad hemm il-pjanijiet li għandhom jirbħu l-Oscar għall-oriġinalita tagħhom... U dawn huma l-pjanijiet ta’ proġetti jew inizjattivi li diġa wettaqfhom b’suċċess kbir il-Gvern Nazzjonalisti.

Bilkemm titwemmen din, iżda veru. L-eżempju klassiku huwa dak lijippjanaw li jneħħu l-VAT minn fuq l-edukazzjoni u s-servizzi edukattivi meta dawn dejjem kienu eżentati minn din it-taxxa.

Meta naraw dan kollu, id-data ta' l-elezzjoni lilna n-Nazzjonalisti ma tinkwetana xejn. Huwa minnu li xi sondaġġi ta' dan l-aħħar qed jagħtu vantaġġ lill-Partit Laburista. Iżda dawn mhumiex definittivi u l-istess sondaġġi dejjem taw il-primat tat-tmexxija ta' pajjiżna lil Lawrence Gonzi. Issa tkunx f'Ottubru wara l-budget kbir li ġej, jew wara xhur mis-suċċess ta' l-introduzzjoni ta' l-Ewro f'nofs is-sena d-dieħla ma tagħmel l-ebda differenza. Għax l-operat tal-gvern, il-proġetti ġodda, il-ġid soċjali, il-progress f'kull qasam imma l-aktar fl-edukazzjoni u fis-saħħa, l-opportunitajiet enormi ta' xogħol għaż-żgħażagħ tagħna, il-finanzi fis-sod li dal-gvern għamel il-bażi tal-programm tiegħu huma pjanijiet sodi biżżejjed u thejjija xierqa għal kull elezzjoni, tiġi meta tiġi. U rrid ngħid li mhux il-Gvern Nazzjonalista biss huwa mhejji għall-elezzjoni iżda anki (kontra dawk li jgħidu xi wħud) il-Partit Nazzjonalista huwa lest għat-taqtiegħa nteressanti ta' l-elezzjoni li ġejja.

Nassigurakom li fil-PN kulħadd huwa mhejji għall-elezzjoni; partit, eżekuttiv, media tal-Partit, kandidati.... kulħadd. Int li qed taqra dan l-artiklu, inti ppreparat? Jekk le, jeħtieġlek tissinkronizza ruħek mal-mewġa nazzjonalista li se twassalna għal rebħa oħra. U dan biex anki inti ikollok mertu u sodisafazzjon fil-vittorja li ġejja. Ghalhekk, parla anqas u aħdem iżjed. Dak li taf tagħmel wettqu kollu. Ir-rebħa irid ikollha t-timbru ta kulħadd.

---

Philip Mifsud
PN Candidate – 7th District